MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 37/2010

**A D**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fil-31 ta’ Mejju 2000; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [h], u dak ta’ l-attrici fit-termini tal-paragrafu [f], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-31 ta' Mejju 2000 huwa null u bla effett fil-ligi minhabba li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwiziti rrizulta li l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 2000, meta allura, l-attrici, cittadina maltija kellha 20 sena, u l-konvenut, cittadin sirjan, kellu 45 sena, u wara li kienu ilhom jikkonvivu flimmkien circa sentejn. F' dak iz-zmien il-konvenut kien qieghed Malta bis-sahha ta' viza temporanea.

Illi l-attrici fix-xhieda taghha tispjega li hekk kif il-partijiet fuq rikjesta tal-konvenut izzewgu, dan biddel l-komportament tieghu fil-konfront taghha. Beda juri ruhu arroganti u dominanti u kien jghajjat hafna ma' l-attrici; kien anke gieghla titlaq ix-xoghol taghha peress li kien jghir hafna ghaliha, tant li kienet ihossha fgata. Inoltre, huwa kien ihalliha nieqsa mill-flus bir-rizultat li kien ikollha tmur tittallab minghand ommha. Tghid li huma m' ghandhomx tfal ghax il-konvenut kien joqghod attent waqt l-att taz-zwieg, u wkoll peress li eventwalment, minhabba l-agir tieghu, hija kienet tirrifjutah.

Wara konvivenza qasira, l-attrici telqet mid-dar konjugali, u marret tghix ma' ommha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta car ghal din il-Qorti li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-komportament tieghu ftit xhur wara z-zwieg, jirrizulta manifest li dan kien inkapaci li jghix ma' l-attrici f' unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. L-ghira qawwija tieghu kienet ta' ostakolu serju

sabiex jibni ma' martu dik il-komunjoni ta' hajja u ta' imhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-31 ta' Mejju 2000;

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------